# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-12 ta' Mejju, 2016.**

**Prim' Awla tal-Qorti Civili**
**Sezzjoni Familja**

**Rikors Numru 26/2016 SM**

**Daniela Seisun**
**I.D. 123082 (M) f'isimha proprio u bhala kuratrici *ad litem* ta' uliedha minuri Zemkin u Zeron ahwa Seisun**

**vs.**

**Aaron Magro, guvni, *operator*, bin Domnic u Rita nee` Farrugia, imwieled il-Pieta` u residenti il-Hamrun, I.D. Numru 549780(M)**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat it-3 ta' Frar, 2016, (ara foll 1);

2.0. Regghet rat id-digriet preliminari taghha li wkoll igib l-istess data indikata fil-paragrafu precedenti li permezz tieghu, wara li ddikjarat li rat l-imsemmi rikors guramentat promotur, (ara foll 1 u 5)

2.1. Akkoljiet provizorjament it-talbiet kontenuti fir-rikors guramentat tar-rikorrenti;

2.2. Ordnat in-notifika tal-istess rikors guramentat promotur lill-kontroparti ghar-risposta;

2.3. Appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh ghall-udjenza fil-gurnata u fil-hin hemm indikati;

3. Tirrileva li l-intimat kien notifikat biss wara diversi tentattivi;

4. Rat ir-risposta tal-intimat datata z-19 t'April, 2016, (ara foll 13);

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet jittrattaw ir-rikors in dizamina;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi permezz tar-rikors guramentat promotur fuq indikat ir-rikorrenti sintetikament elenkat s-segwenti:

6.1. Illi intavolat il-procedura odjerna bl-iskop li tikkawtela l-kreditu minnha vantat fil-konfront tal-intimat;

6.2. Illi konsegwentement, permezz tal-istess procedura titlob li l-intimat jinzamm milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos*, jew b'titolu oneruz jew gratuwitu, xi proprjeta`, b'mod partikolari l-fond numru 251, Triq San Gejtanu, il-Hamrun, liberu u frank, inkluza l-arja, bid-

drittijiet u pertinenzi, akkwistata b'kuntratt *in atti* tan-Nutar indikata fl-istess rikors fuq riferit u datat it-8 t'April, 2003;

6.3. Illi l-iskop tal-istess hu wkoll ghaliex ipprocediet kontra l-intimat biex:

6.3.1. Jigi dikjarat li hu l-missier bijologiku tat-tfal minuri taghha fuq indikati; u

6.3.2. Il-qorti tillikwida l-ammont ta' manteniment minnhu lilha pagabbli;

6.3.3. Il-qorti tordna wkoll il-pagament tal-istess manteniment, inkluzi l-arretrati;

6.4. Illi tibza li l-intimat jista` jiddisponi mill-proprjeta` fuq indikata, liema proprjeta` hi l-uniku beni tal-intimat;

6.5. Illi l-kreditu pretiz hu dak indikat fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 2);

Ikkunsidrat:

7.0. Illi min-naha tieghu l-intimat sintetikament irrisponda segwenti:

7.1. Illi r-rikors guramentat promotur hu irritwali *stante* li ma gewx osservati r-rekwiziti tal-artiklu 874 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

7.2. Illi l-paternita` tal-minuri indikati fl-istess rikors promotur ghadha mhiex stabbilita b'certezza;

7.3. Illi l-kreditu mitlub mir-rikorrenti hu wiehed ipotetiku u tinhtieg spjegazzjoni fir-rigward;

7.4. Illi l-intimat jaccerta lir-rikorrenti li mhux ser jiddisponi mill-fond indikat fl-istess rikors promotur, liema fond in effetti ghadu suggett ghall-ipoteka bankarja;

7.5. Illi rigward il-manteniment li jista` jikkoncerna lill-minuri involuti, l-istess ligi tipprovdi ghal rimedji kawtelatorji, fosthom anke b'piena karcerarja f'kaz ta' nuqqas;

7.6. Salv rispost ulterjuri;

7.7. Illi in vista tal-premess, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi preliminarjament, in vista tal-ewwel risposta tal-intimat, jinghad sintetikament is-segwenti:

8.1. Illi l-artiklu citat mill-intimat jistabbilixxi li rikors bhal dak in dizamina:

> “.... ghandu jkun fih il-partikolaritajiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-persuna li inhareg kontriha u li huma mehtiega mill-ligi ...”;

8.2. Illi in effetti ezami tal-okkju tar-rikors guramentat promotur jirrileva li r-rikorrenti tissodisfa l-precett riferit fil-paragrafu precedenti *stante* li l-indikazzjonijiet hemm riprodotti jirrizultaw sufficjenti ghall-istess;

8.3. Illi konsegwentement, l-istess risposta preliminari tal-intimat qeghda tigi respinta;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi fir-rigward tal-mertu tal-procedura in dizamina jinghad sintetikament is-segwenti:

9.1. Illi *ai termini* tal-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandu jkun pacifiku li l-iskop tal-procedura odjerna hu li l-intimat *di turno* jinzamm milli b’xi mod, ikun li jkun, jaghmel xi haga li tista` tirreka hsara lid-drittijiet vantati tar-rikorrenti;

9.2. Illi biex dan l-iskop jintlahaq b’mod legittimu jinhtieg is-segwenti:

9.2.1. Illi r-rikorrenti trid turi li l-mandat minnha rikjest hu necessarju biex jigu tutelati d-drittijiet minnha vantati;

9.2.2. Illi jirrizulta pacifiku li r-rikorrenti ghandha l-istess drittijiet minnha hekk vantati fil-livell ta' p*rima facie*;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi konstatat is-suespost, jirrizulta sintetikament is-segwenti:

10.1. Illi jidher li l-kontendenti kienu f'xi forma ta' relazzjoni li minnha twieldu l-ulied minuri fuq riferiti;

10.2. Illi l-intimat jidher li estranea ruhhu mir-rikorrenti u mill-ulied fuq riferiti;

10.3. Illi din il-procedura hi limitata ghall-ghan li r-rikorrenti tassigura ruhha li l-intimat ma jippregudikax id-drittijiet minnha hawn allegati;

10.4. Illi kemm il-darba javvera ruhhu dak indikat mir-rikorrenti, allura d-drittijiet taghha fir-rigward jirrizultaw li jkunu pregudikati serjament;

10.5. Illi ghalhekk, in vista tal-premess, ghandu jkun pacifiku li l-preokkupazzjoni tar-rikorrenti hi wahda reali, possibbli u attwali;

10.6. Illi ghalhekk, hi l-fehma ta' din il-qorti li r-rikorrenti pprovat it-talba taghha skont il-ligi u konsegwentement:

**DECIDE:**

10.6.1. Takkolji mill-gdid t-talbiet tar-rikorrenti;

10.6.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tal-intimat;

10.6.3. Tiddikjara li allura qeghda tvarja id-digriet precedenti taghha datat it-3 ta' Frar, 2016, *contrario imperio*, (ara foll 1 u 5), u b'hekk

tiddikjara ukoll li issa l-mandat *de quo* jinhareg b'mod permanenti;

10.6.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**